IT-TIELET KTIEB
TAT-TNAX-IL-SENA

SETTEMBRU
1936

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

XFIH DAN IL-GĦADD

Dizzjunarju Malti — Minn fuq il-Barrakka (K. Xuereb) — Triqat mitlufa (Ġorġ Pisani) -- Intietef (A. C.) — Għall-mewt ta' G. K. Chesterton (Karmenu Vassallo) — In-Nutari (ĠUŻE GATT) — Imħabba u Mibegħda (Ġ. CHETCUTI) — Il-Maltin f'Lepanto, (Salvu Agius)—Mill-mewt għall-ħajja (R.M.B.) — L-annimali u l-egħdewwa tagħhom (S.) — Tnehid ta' Ltim (Mario Agius) — Mikiel Anton Vassalli (A.C.) -- Kotba ġodda bil-Malti fl-1936 (F. S. C.)

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IT-TIELET KTIEB TA' L-1936

## DIZZJUNARJU MALTI

Bosta nies li jħobbu 'l Malti resqu fuqna u b'qalbhom f'idejhom qalulna: "Il-Malti miexi ġmielu: mijiet ta' żgħażagħ li ma kinux jaqraw ħlief bit-taljan jew bl-ingliż, il-lum jaqraw bil-malti wkoll u jitgħaxxqu bih, għax kulma jmorru aktar iħossu l-qawwa tiegħu, itiegħmu l-benna tiegħu, u jifhmu l-grammatka tiegħu. Għajb, jaħasra, li ma hawnx dizzjunarju tajjeb li, fil-waqt li jagħtik il-vokabolarju kollu tal-lsien malti, jagħtik ukoll is-suriet kollha li kelma tista' tieħu u l-frażijiet li jitnisslu minnha, bit-tifsir tagħhom."

Ħaġa sabiħa kemm tista' tkun dizzjunarju li jaqdik f'kull ma tista' teħtieġ fl-istudju ta' lsien; iżda min jitkellem hekk fuq dizzjunarju malti juri li qatt ma ħaseb, u bosta anqas ma fehem, ix-xogħol ta' ħsieb, ta' ħeġġa, ta' ġabra, ta' reqqa u ta' sabar li jitlob dizzjunarju ta' din il-għamla.

Dizzjunarju tajjeb hi dejjem ħaġa iebsa, imqar jekk ikun ta' lsien li għandu letteratura kbira, mibnija fuq sisien grammatikali li ma jiċċaqalqux u mwettqa minn l-użu ta' mijiet ta' snin: iżda meta l-lsien ikun għadu ma ħax dik il-qagħda sħiħa li tiġi mill-fehma għalenija ta' kittieba tajba u mid-drawwa twila ta' min jitkellem, u jaf jitkellem, b'dak il-lsien, ix-xogħol ta' dizzjunarju tajjeb jitqal bosta iżjed, u jitlob studju, ħsieb u reqqa li ħadd ma jifhimhom ħlief min imidd għonqu għal dak ix-xogħol.

L-ilsna ta' l-Ewropa għandhom kollha dizzjunarji tajbin li jgħaġġbuk. Tfittex kelma u ssib in-nisel tagħha, il-għamliet kollha li tieħu, il-għajdut kollu li jitnissel minnha u t-tifsir imżewwaq li jista' jkollha fil-ħabtiet kollha tal-ħajja; u inti tħoss li fuq dik il-kelma ma jonqsok xejn. Sabiħ! imma staqsi kif saru dawk id-dizzjunarji; kemm nies ħadmu fihom; kemm dizzjunarji twieldu u mietu qabilhom biex huma waslu għal dik it-tjieba, dik is-saħħa u dak il-ġmiel li semmejna.

Ma ilux wisq ġiet f'idejna kopja tad-"*Daily Telegraph*" tas-7 ta' Settembru tas-sena li ħarġet, fejn Dr. Betty Morgan jitkellem fuq id-dizzjunarju tal-lsien franċiż, imħejji mill-Akkademja Franċiża u li għadu kif tlesta. Ma għandna x'naħsbu xejn: għandu jkun dizzjunarju li jsaħħar lil kull min jużah; dizzjunarju kif jixraq lill-ilsien franċiż, għani b'letteratura tal-għaġeb u aktarx il-lsien l-iżjed preċiż fit-tifsir tal-kliem tiegħu. Iżda lill-kompilaturi tiegħu swielhom ix-xogħol ta' ħamsin sena, u din l-edizzjoni hi t-tmien waħda li għandha tieħu l-post ta' dik ta' qbilha, li ħarġet fl-1878.

U għandu wieħed iżomm quddiem għajnejh illi l-kittieba li ħadu sehem f'dak ix-xogħol huma mill-aqwa kittieba ta' Franza, biex ma ngħidx tad-dinja, għaliex in-nies li jidħlu fl-Akkademja ta' Franza jridu jkunu taw xhieda qawwija tal-mertu tagħhom fil-letteratura, fix-xjienza jew f'xi qatgħa oħra tat-tagħlim.

Għalhekk, ta' min ifaħħarha l-kelma ħierġa mill-qalb ta' min iħobb 'il-Malti, u x-xewqa li jkollna dizzjunarju tajjeb tal-lsien malti; iżda billi aħna nafu xi ftit xi jfisser dizzjunarju tajjeb u x'jeħtieġ biex isir, lil dawn il-ħbieb ingħidulhom li bil-qalb it-tajba jissabbru xi ftit u jistennew, għaliex dizzjunarju tajjeb qatt ma sar bil-għaġla.

# MINN FUQ IL-BARRAKKA

Madwari, tista' tgħid, kollox għadu jinsab midfun f'ngħasa ħelwa u ħafifa. Fejnha dik il-ħeġġa tal-port? Sebaħ m'hux ħażin imma għad hemm ħemda kbira ma' kullimkien. Tielgħa, iżda, naqra naqra x-xemx. Ġa tidher tgħolli rasha minn fuq il-baħar is-sultana tal-ħolqien. Tielgħa! Tielgħa! U wara ftit

lewn il-ward id-dija tagħha
timla s-sħab ..................

Dun Karm, Il-Għodwa.

Xi ġmiel! Issa lejn kull fejn tħares tarah jieħu l-ħajja u tħossu jimlielek qalbek bi ħlewwa kbira. Il-baħar, qisu żġieġa tlellex taħt il-bewsa tax-xemx, jibqa' sejjer, fil-bogħod il-bogħod sa kemm l-għajn tarah donnu jsir ħaġa waħda mas-sema sbejjaħ tassew fil-kħula tiegħu. Imbagħad xi naqra ta' sħaba żgħira, mitlufa minn sħabha, tgħaddi ta' kull tant minn quddiem ix-xemx donnu biex lilha ssellem u tqim.

Issa beda x-xogħol fuq ġifen Ingliż qawwi u setgħan li jinsab quddiem il-fortizza tar-Rikażli li kienet mibnija mill-Kavalieri ta' San Ġwann biex, flimkien ma' Sant'Jermu, tħares id-daħla tal-port mill-għadu. Kollox ħaj, kollox jitħarrek! X'ingħidu mbagħad għal dawk l-ilsna ta' art li, ħerġin għal ġol-baħar, jagħmlu bejniethom daħliet kbar, sbieħ, fondi u kennijin. In-naħa tar-Rinella, bajja ċkejkna u kwieta, għad ma ssaffiex l-ajru minn xi ftit taċ-ċpar. Imma jidhru dawk l-antenni tal-*wireless* donnhom iridu jilħqu s-sema b'tulhom, donnhom iridu jindukraw dak l-ilsien ta' art ħiereġ bejn ir-Rinella u l-Kalkara msebbaħ bl-isptar ta' Bigi — dan, għall-flotta Ingliża, wirt ta' żmien il-Kavalieri li minn Rodi kienu nġabru f'Malta, gżira ċkejkna fid-daqs imma kbira fl-istorja.

Fid-daħla tal-Kalkara bosta dgħajjes—nistħajjel l-ebda waħda bħall-oħra fil-lewn—jidhru jitbennu fuq wiċċ l-ilma. Imbagħad toħroġ il barra għal ġo nofs il-port il-fortizza ta' Sant'Anġlu mdawra bi swar għoljin fejn l-inqas ġebla hija

għalina għażiża għax ħadet sehem fir-rebħa ta' l-Insara fuq il-Misilmin. Tbiddlu ż-żmenijiet u fuq l-istess swar fejn erba' mitt sena ilu kienet tinsab imwaqqfa l-bandiera tal-Kavalieri l-lum naraw tperper bandiera oħra li, fi kliem l-ogħla poeta Malti,

> "Ta' Gżiritna" hija żgur "wens u ġieħ".
>
> Dun Karm, Lill-Bandiera Ingliża.

It-tlitt ibliet, li jagħmlu bħal ngħala ma' dwar id-daħla tat-Tarżna u li jaqbżu fil-għajn għal kif donnhom ħuġġieġa waħda l-qċaċet tad-djar, tistħajjilhom telgħin minn ġor-ragħwa ta' l-ilma l-istess kif telgħet Ċiterëa. Il-koppli u l-kampnari tal-knejjes imwaqqfa f'dawn l-ibliet imżejna b'ismijiet li jiddu fl-istorja ta' l-imgħoddi, għad ma jidhrux tajjeb biż-żejjed minħabba ftit kemm kemm taċ-ċpar. Hekk ukoll wieħed għad l-anqas jista' jilmaħ dawk it-twieqi u gallarijiet miżbugħin aħdar igħajjat.

Laneċ żgħar, miżbugħin iswed, jaqsmu, mingħajr ma jagħtu wisq fil-għajn, mix-xatt tal-Belt li ħadet isimha mill-Grammastru La Valette li bnieha, għax-xtut l-ewwel ta' l-Isla u wara ta' San Lawrenz u minn hemm jerġgħu lura għal minn fejn kienu ġew. Imbagħad f'nofs id-daħla tat-Tarzna nilmaħ marbut ma' l-ankra bastiment ċkejken abjad biċ-ċumnija safra li jgħaxxaq bl-indafa tiegħu.

Sabiħa wkoll il-fortizza ta' San Mikiel b'dik il-gardjola tal-ġebel f'rasha sewwa, il-lum imżejna bil-ħdura tas-siġar, u b'għadd ta' dgħajjes u frejgatini miġbudin fuq il-plajja ta' madwarha. Issa

> mill-beraħ f'ħin wieħed stejqer
> nifs ħelu ta' fewġa,
>
> Ġ. Delia, s.j., Qatra ta' Nida.

u ftit wara nilmaħ dgħajsa tifrex il-qlugħ bajdani milqut mid-dija tax-xemx u minn biswit il-ponta ta' l-Isla

> taħt ir-rażan tat-tmun, għal xejrt-ir-riħ,
>
> Dun Karm, Il-Ġerrejja u Jien

hija ħelu taqbad triqtha.

Fid-daħla tal-Franċiżi, il ġewwa sew, tidher biċċa mit-Tarzna fejn bosta ħaddiema Maltin jaqilgħu l-ħobża ta' kull jum u, taħt il-għolja ta' Kordin, tara fuq wiċċ l-ilma baċin kbir li jimla kull fejn ikun b'tulu.

Il ġewwa nett, imbagħad, tidher, iżda m'hux kollha, il-Marsa fejn il-baħar huwa aktarx dejjem fommu sieket.

Kemm hu sabiħ il-port! Kemm tassew għandna x'nif-taħru bih!

Issa fl-aħjar jasal f'widnejja d-daqq tal-qampiena tal-Knisja ta' Liesse li tinsab ix-xatt tal-Belt sew sew quddiem is-suq tal-ħut fejn igħidulu "fuq il-Ġgant". Jiena minn fuq il-ħadid tal-gallarija tal-Barrakka ma nistax nara ħlief il-koppla ta' din il-knisja ċkejkna li bl-istorja tagħha u bil-ġrajja li għan-dha ta' Iżmelja u t-tliet Kavalieri hija frott ta' żmien l-Ordni Ġerosolmitan.

F'daqqa waħda tiskot il-qampiena...... 'ma f'widnejja jibqa' jidwi leħinha li kien fakkarni f'bosta ħsebijiet tal-ħajja u għal-hekk, taħt it-toqol ta' dawk il-ħsebijiet, għadni nħoss li rrid ngħidilha

doqq, o qanpiena,
sabar 'l imdejjaq, lil min dineb, ħniena,
serħ lill-għajjiena.

Ros. Briffa, Fl-Ave Marija.

K. Xuereb.

# TRIQAT MITLUFA

Jien qbadt it-trieq tal-għana
u mxejt imxejt il ġewwa,
qaluli biex nistrieħ għax din it-trejqa
miżgħuda dmugħ u dnewwa,
'mma jien imxejt bla xejn ma qgħadt nintrema.
Kelli b'ħija l-ħolqien, ħabib lis-sema
u b'rjeda kbira u sħiħa daqs ħadida
kull xħin il-ġmiel żernaqli
għannejt f'ilsien twelidi għanja ġdida.

'Mma darba sħab tal-biża'
tela' fit-trejqa tiegħi,
kesħa tal-mewt ħassejt tberridli 'r-ruħi,
nixef il-għana f'qalbi,
il-qerq indehes miegħi;
u xħin hemm fuq ma feġġet ebda dija
għajjien, mirgħux, imdejjaq
kelli, jaħasra, nħalli
it-trieq tal-poëżija.

*
* *

U qbadt triqet l-imħabba
u mxejt imxejt il ġewwa,
qaluli biex nistrieħ għax din it-trejqa
imrar fiha mhux ħlewwa,
'mma jien xħin rajt il-ward u lmaħt il-ħdura
warrabt kull ħsieb, imxejt mitluf fl-imħabba
bla qatt ma ħarist lura;
u taħt ix-xemx li trejjaq kollha sħana
hemm għext ħajja ta' seħer
isbaħ minn dik tal-għana.
'Mma darba żagħżugħ sbejjaħ
daħal fit-trejqa tiegħi,
kellu kliem ħelu fuq fommu miktub,
kien jaf is-sengħa li tiġbed il-qlub
u xħin jien dħalt ġo nagħsi
seraq l-imħabba tiegħi
u sar hu l-maħbub;
hawn jien, mikdud, minn din iċ-ċaħda mxabba'
bid-dmugħ jilma f'għajnejja,
b'wiċċi moħbi f'idejja,
ħallejt triqet l-imħabba.

*
* *

U qbadt trieq it-tgawdija
u ġrejt ferħan il ġewwa
Emmint lil dak li qal li f'din il-ħajja
kull hemm jista' jiddewwa;
ħabbejt kull għors; mal-ħbieb għamil il-fatra,
ħabbejt l-iljieli sbieħ bla rqad u satra,

ħabbejt iż-żfin u d-daqq u t-tbaħrid tagħhom
u xrobt il-kies ferħ sa l-inqas qatra;
insejt f'dal-ġenn il-hemm u d-dwejjaq tiegħi,
insejt lil min ħabbejt u tħabbeb miegħi,
insejt kull ġmiel, insejt il-poëżija
u dħakt mhux ftit bin-nies li qatt ma daqet
dis-sakra ta' tgawdija:
għax f'dan il-ferħ jien ħsibt li sibt sa fl-aħħar
it-trieq li tgħodd għalija.
'Mma x'ħin ġie d-dawl, intemm iż-żmien tal-bluha
fuq ħsiebi waqgħet regħxa,
fuq qalbi star tal-biża',
u sfajt bħal ruħ miblugħa
u dlonk għaraft li jien, żagħżugħ ħassiebi,
miniex maħluq għall-frugħa;
għalhekk malajr, did-darba bla tbatija,
ħallejt trieq it-tgawdija.

* * *

Il-lum wara tant ġmiegħi
xħin dħalt mill-ġdid f'kamarti
u rġajt sibt ruħi waħdi
ma dwar il-kotba tiegħi,

Q ftaħt it-tieqa kbira
li tagħti għal ġol-ġnien
smajt kelma li ġennitni
ħierġa minn kullimkien.

Jien smajtha din il-kelma
"Bil-ferħ ħabbatt idejja"
fil-waqt li demgħa sħuna
qabżitli minn għajnejja:

Ualuli l-ward tal-ġonna
u s-siġar kbar imbiegħda
"Imxi fit-trieq ta' qabel
għadek, żagħżugħ, poëta".

U l-lum li ġewwa qalbi
ġarrabt mill-ġdid dis-sħana
erġajt għall-poeżija,
erġajt għat-trieq tal-għana.

ĠORĠ PISANI.

Għawdex—29-7-36.

# INTIETEF

## BEJN IL-GĦAMLA TAL-VERBI MALTIN U DIK TAL-VERBI TALJANI-SQALLIN.

Il-verbi ta' nisel Malti jispiċċaw b'konsonanti. Eż: *qatel*, *feraq*, eċċ. Biss, il-konsonanti sħiħa *għ* (barra mill-*għ* fil-kelmiet: *forogħ*, *żebagħ*, *dagħdagħ*) u l-konsonanti dgħajfin *j* u *w* f'tarf il-kelma, jibqgħu siekta u jinxorbu fil-leħen ta' *a*. Eż. *tala'(għ)*, *tafa(għ)*, *tefa(j)*, *sewa(j)*, *feda* (*w*).

Il-verbi ta' nisel taljan-sqalli jispiċċaw dejjem bil-vokali *a* u fit-tiswir tagħhom jimxu iktarx fuq dawk il-verbi li fil-Malti għandhom l-aħħar konsonanti *j* jew *w*. Eż: *spara*, *sparajt*, eċċ., *sforza*, *sforzajt*, eċċ., *batta*, *battejt*, eċċ. *żbalja*, *żbaljajt*, eċċ., iżda f'dawn, il-vokali ta' l-ewwel taqsima tal-kelma tibqa' bla mittiefsa, fil-waqt li fil-verbi maltin taqa'. Eż: *feda*, *fdejt*, *sewa*, *swejt*.

Il-partiċipju passat tal-verbi taljani-sqallin, fil-Malti, isir billi tiżdied *t* mal-Passat ta' l-Indikativ: *inkorla*, *inkorlat*; *irxoxta*, *irxoxtat: imborġa*, *imborġat*.

Il-biċċa l-kbira tal-verbi ta' nisel taljan-sqalli jibdew bil-vokali *i* li twieġeb għall-*i* ta' wara l-ewwel konsonanti fil-kelma taljana jew sqallija. Eż: *ricevere*, *irċieva*; *ricadere*, *irkada* eċċ. Jiġi li l-*i* tkun l-ewwel vokali tal-verb stess fit-Taljan jew Sqalli, bħal f'*impiega*, *inkorla*, eċċ.

Fil-verbi ewlenin maltin ta' żewġ sillabi l-aċċent huwa maħtuf ħafif, fil-waqt li f'biċċa mill-verbi taljani-sqallin, ta' żewġ sillabi, il-vokali hija twila. Eż: *sôfra*, *bâta*, *fiera* eċċ., li turi n-nisel barrani. Fil-Malti din il-għamla ssibha wisq fil-bogħod fil-verbi ewlenin. Qabbel: *miera*, *merejt*. Huma wkoll ta' nisel taljan-sqalli:

a) dawk il-verbi li għandhom tliet konsonanti differenti jew iżjed, u jispiċċaw bil-vokali *a*. Eż: *serva*, *skarta*, eċċ.;

b) dawk il-verbi li jibdew u jispiċċaw bil-vokali. Eż: *obda*, *offra*, *iċċita* ,

a) dawk li fil-mamma għandhom iż-żewġ vokali *o* u *a*. Eż: **ordna**, **storda**.

Il-verbi ta' nisel taljan-sqalli li jibdew b'konsonanti iktarx itennu l-ewwel konsonanti. Eż: *ipprova*, *ittratta*, *iggranfa*, *iċċara*, *issonda*, iżda, mbagħad, ngħidu *ċieda*, *skarta*, *gawda*, *salva*.

Il-verbi taljani li jibdew bl-*a*, b'konsonanti mtennija wara, iħobbu ibiddlu l-*a* f'*i*. Eż: *irrabja* (minn *arrabiare*), *iffonda* (minn *affondare*) eċċ. Iżda, mbagħad, ngħidu: *aċċetta*, *addatta*, *approva*, *abbona*, *alloġġa*.

Il-verbi li jibdew bl-*st* huma ta' nisel malti jekk għandhom konsonanti gutturali jew jispiċċaw b'konsonanti. Eż: *staqsa*, *staħba*, *stagħġeb*, *stagħna*, *stqarr*, *stkerrah*, *staħa*, *stieden*, *stejqen*, li huma maltin, fil-waqt li *storda*, *stampa*, *stona*, *staġna*, *stinka* huma ta' nisel taljan-sqalli.

Biċċiet mill-verbi taljani-sqallin, meta jidħlu fil-Malti, jaqtgħu xi ittri minn ras il-kelma: *spona*, *żarma*, *solva* minn *esporre*, *disarmare*, *assolvere*.

Il-mamma ta' verbi mnisslin mit-taljan jew sqalli iktarx li l-Malti jibniha fuq it-tielet persuna, sing. ta' l-Imperfett: *stabilixxa*, *spona* (*stabilisce*, *espone*).

It-tibjin li hemm fil-għamla ta' verbi maltin u dik ta' verbi taljani-sqallin jurina li l-verb malti baqa' dejjem magħżul għalih f'dik li hi għamla ewlenija tiegħu, u li mill-banda l-oħra l-verb taljan-sqalli, għalkemm mexa fuq it-tiswir grammatikali tal-Malti, sabiex jibqa' jingħażel mix-xeħta maltija ma'tilefx għal kollox dik il-vokalizzazzjoni jew fonetika li tagħmel mill-bini tal-kelma ewlenija tiegħu.

Dan juri wkoll li l-mamma ta' verbi mnisslin mit-taljan jew sqalli li jibdew *bil-vokali* għandha tinkiteb bħalma titlissen u għalhekk jagħltu dawk il-kittieba li fil-verbi ta' nisel taljan jew sqalli jħobbu jaqtgħu l-vokali fil-bidu ta' verbi bħal: *ikkmanda*, *ittenda*, *iddobba*, u jiktbu *kkmanda*, *ttenda*, *ddobba*, wara kelma li tispiċċa b'vokali.

**A. C.**

# Għall-mewt ta' G. K. Chesterton.

*Lill-Poeta* Dun Karm
*li kellu taħdita miegħu.*

Hu kien kif bosta. Bħalu ftit. Il-kotra
tmut fi twelidha, għad li tgħix is-snin.
Hu twieled ħaj u baqa' ħaj u jibqa':
għax twieled meta miet fost il-bnedmin.

Ħaseb, biex jifhem: u kif beda ssokta.
Fehem, biex jemmen: xejn ma tbiddel fih.
Ra 'l Alla fil-ħolqien: għaraf li ħliefu
kien kollox bżieżaq tas-sapun mar-riħ.

U ħabb is-Sewwa, għax kien jaf l-imħabba;
tjassar għas-Sewwa, għax kien jaf jiċkien;
ra t-Tajjeb u s-Sabiħ f'Dak li ħalaqhom;
għaraf 'l Alla fuq kollox, fuq kull żmien.

U baqa' tifel fi rġulitu: qalbu
is-safa ma tilfetx ta' qlub iż-żgħar.
Stkerraħ l-oqbra mbajdin u l-lpup ta' żmienna;
u tas-Sewwa u tal-Ħaqq rifed l-iswar.

Ried jirbaħ b'saħħa, u għaraf jirbaħ. Imma
l-ewwel ma rebaħ lilu in-nifsu biss.
Imbagħ'd rebaħ il-bqija, u rażżan l-ilsna
tas-sriep għamla ta' nies, kif kien imiss.

Ma qagħadx għall-kelma, ħoss ta' leħen fieragħ,
jew għall-wegħdiet ta' ħolm li xejn ma jrodd;
ħarab mill-ħajr tal-faħx, tal-qerq, tal-għama;
għalih l-aqwa l-egħmil: dan hu li jgħodd.

KARMENU VASSALLO.

Lulju 1936.

# IN-NUTARI

## FL-EWWEL SNIN TA' L-INGLIŻI F'MALTA

### IV

Fl-1801, Karlu Dimech għamel talba lill-Gvernatur. Fiha qal li billi hu l-akbar fost sħabu, xtaq li jilħaq Nutar. Kien ilu Stipulant sa mill-1792. L-Udituri eżaminawh u sabuh tajjeb għal dak li talab. Dawn qalu li Dimech tgħallem fl-Università u ġieb iċ-ċertifikat tar-Rettur u tal-Professur tad-Dritt Civil. Kellu 30 sena. Barra minn dan kollu, Dimech kien raġel sewwa u kellu xi bini. Fuq li qalu l-Udituri, il-Gvernatur ħatru b'Nutar fis-7 ta' Jannar.

Stipulant ieħor, jismu Baldass Mamo. f'Ottubru ta' l-1802 għamel talba biex jilħaq Nutar. Fiha qal, li minn Settembru ta' l-1797 kien ħa s-setgħa li jagħmel il-kuntratti f'isem missieru, in-Nutar Ċikku Mamo. Kellu 26 sena u 5 xhur. Mirrewwixta tal-Maltin għall-Franċiżi sa dak in-nhar li għamel it-talba tiegħu, f'Malta mietu ħmistax-il-Nutar. Flok dawn ma sarux ħlief tmienja biss. Baqgħu battala sitta. Iżda ma' dawn ma ġiex magħdud wieħed li kien imsiefer.

L-Udituri eżaminawh u sabuh tajjeb. Għalhekk qalu lill-Gvernatur li jista' jagħmlu flok wieħed min-Nutari li mietu. U l-Gvernatur, fit-22 ta' Ottubru tal-1802, lil Mamo tah is-setgħa ta' Nutar.

L-Istipulant Wistin Portelli wkoll talab biex jilħaq Nutar. Dan kien jaħdem ma' missieru, in-Nutar Mikielanġ.

Portelli ġie misjub li hu tajjeb għal Nutar fl-eżami li sarlu mill-Udituri. Fuq hekk, dawn qalu lill-Gvernatur, li billi miet in-Nutar Pawlu Caruana, fiż-żmenijiet li kienu, jista' jagħmlu floku. Għal 25 sena kien jonqsu 4 xhur biss. Il-Gvernatur sama' mill-Udituri, u lil Portelli għamlu Nutar fl-14 ta' Marzu ta' l-1803.

Iżjed. Ġużè Mizzi, minn Għawdex, għamel talba fl-1803. Fiha qal li kien ilu 5 snin Stipulant man-Nutar Ċikku Pace. Iżda, billi dan miet, xtaq li jsir Nutar floku. Kellu 24 sena u għaxart ijiem. Wara li Pace għadda mill-eżami ta' l-Udituri, laħaq Nutar fis-6 ta' Diċembru 1803.

Bħalma rajna mit-talbiet li għamlu xi wħud milli hawn fuq ġibna, aktarx li jidher, illi l-għadd tan-Nutari kien maqtugħ kemm kellu jkun. Tgħid il-Gvern kien iżomm idejh fil-ħatra tan-Nutari biex ma jkunx hemm għadd kbir

minnhom, ħalli kulħadd jista' jgħix sewwa u ma jsirx wiġ? Fi professjonijiet oħra sibna li l-Gvern kien għamel hekk, għalkemm xi drabi ġie li kien jillaxqa fil-għadd tagħhom ukoll. Iżda, f'din il-kitba, ġibna wkoll talb ta' xi wħud li riedu jsiru Nutari bla ma jsemmu lil ħadd li miet biex jilħqu floku huma. Terġa', fost it-talbiet li saru minn dawk li riedu jilħqu Nutari fi żmien l-Ingliżi, l-ebda waħda ma sibna li din ġiet imreġġgħa lura minħabba li kien hemm għadd biżżejjed ta' Nutari. Tgħid mela, din il-biċċa ta' l-għadd kienet tissemma biss, bħalma ssemmew ħwejjeġ oħra li ma kellhomx x'jaqsmu mat-tagħlim li wieħed irid ikollu biex jilħaq Nutar?

Id-drawwa li tiġi msemmija xi ħaġa biex tgħin it-talba ta' dak li jkun, kienet tiġri ta' sikwit. Terġa', din kienet issir mhux biss minn xi Stipulant li rieḋ jilħaq Nutar, imma wkoll minn xi Nutari biex igħaddu 'l quddiem u jiksbu setgħat oħra fil-professjoni tagħhom.

Fost dawk li semmew xi ħaġa biex juru l-ħtieġa tat-talba li għamlu, insibu lin-Nutar Doru Ċensu Bonnici, mill-Isla. Dan qal li kellu 28 sena. Kien ilu erba' snin Nutar f'dik il-belt. Xtaq li jkollu s-setgħa li jagħmel it-testmenti wkoll, billi fl-Isla ma kien hemm ebda Nutar ieħor ħliefu. Bonnici għadda mill-eżami ta' l-Udituri, u l-Gvernatur tah is-setgħa li talab fis-17 ta' April ta' l-1804.

Bħal Bonnici nsibu wkoll lin-Nutar Ċensu Trionfi. Dan qal li kellu s-setgħa li jagħmel il-kuntratti biss ta' bejn il-ħajjin. Kellu żmien 23 sena u ħdax-il-xahar. Fiż-Żejtun ma kien hemm ebda Nutar ħliefu. Mhux dan biss. Iżda la fiż-Żejtun, lanqas fl-irħula ta' ma' dwar dan ma kien hemm xi Nutar bis-setgħa li jista' jagħmel it-testmenti. Biex wieħed iġib Nutar mill-ibliet, kien irid jonfoq ħafna flus u jitlef bosta żmien. Għalhekk seta' jmut xi ħadd bla ma jkun laħaq għamel it-testment. Billi Trionfi għadda mill-eżami, l-Udituri qalu lill-Gvernatur biex jagħtih is-setgħa li talab għall-ħwejjeġ li semma u l-Gvernatur, fl-14 ta' April 1804, tah li jista' jagħmel it-testmenti wkoll.

Minn kemm saru Nutari fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta wieħed biss sibna li donnu kien jidher li hu naqra dgħajjef dwar xi ħwejjeġ li kellhom x'jaqsmu mal-professjoni ta' Nutar. B'dana kollu, dak li kellu nieqes f'ħaġa, ġiebu minn oħra. Dan kien Nikola Abela, mill-Birgu. Abela fl-1804, talab biex jilħaq Nutar. Qal li kien ilu 18-il-sena jaħdem bħala Stipulant. Seba' snin qabel it-talba li għamel (fl-1797), kien ġie eżaminat biex isir Nutar. Kellu 47 sena. Għalhekk talab

il-ħniena tal-Gvernatur biex jagħmlu Nutar, ħalli b'din il-professjoni jkun jista' jgħix hu u jgħajjex lil niesu.

Wara li l-Udituri għamlulu l-eżami, għarrfu lill-Gvernatur b'dan li sa ngħidu. Abela għamel tħarriġ ta' Stipulant għal tul ta' 18-il sena bla waqfien ta' xejn. B'dana t-tħarriġ kiseb tagħlim li, jekk wieħed irid, jista' jgħid li hu bizzejjed għalih biex jaqla' s-setgħa li talab. U dan deher fl-eżami li għamlulu. Terġa', għalkemm kellu 47 sena, kien għadu jagħmel ħiltu kollha, sa kemm jiflaħ jagħtih dehnu, biex jitgħallem aktar u jitħarreġ iżjed fis-sengħa ta' Nutar. Abela kien bin il-mejjet Galandri. Fi żmien l-Ordni għamel l-eżami, bħalma jwissu l-Liġijiet ta' Malta, mill-Professur tad-Dritt Ċivil ta' dik il-ħabta fl-Università, Dr. Kristofru Frendo, wieħed mill-Membri tal-Kulleġġ Legali. Kellu dawk il-ħwejjeġ l-oħra meħtieġa li l-Liġijiet ta' Malta jridu li wieħed għandu jkollu biex ikun jista' jsir Nutar. Għalhekk ħaqqu ta' min jagħtih li jagħmel il-kuntratti biss ta' bejn il-ħajjin. Il-Gvernatur qagħad għal li qalulu l-Udituri tiegħu u, fis-17 ta' Lulju 1804, lil Abela laħħqu Nutar.

Mit-tagħrif li ġibna ma' tul dina l-kitba, naraw, li xi wħud laħqu Stipulanti qabel iż-żmien ta' 5 snin li kellhom jagħmlu bħala Skrivani. U nsibu wkoll li oħrajn saru Nutari taħt il-25 sena. Minn hekk jidher li għalkemm dari l-Liġijiet, kienu igħidu ħaġa, il-Gvernatur kien jista' jagħmel oħra. B'dana kollu, bit-tiġbid u l-laxkar li kien isir fil-Liġijiet. ma sibna qatt li, fi żmien l-Ingliżi, taw is-setgħat kollha u f'daqqa ta' Nutar lil xi Stipulant.

Biex jinkisbu dawn is-setgħat li hawn fuq semmejna, talba waħda biss ġiet f'idejna. Din kienet ta' l-Istipulant Midju Brignone. Midju qal, f'talba li għamel fl-1806, li għalaq it-22 sena u dieħel fit-23. Fiż-żmien li għamilha ta' Stipulant, kien jitgħallem ukoll il-Liġi fl-Università. Wara li spiċċa ż-żmien tat-tagħlim, għamel l-eżami bil-magħluq; imbagħad għamlu wkoll bil-miftuħ, u għadda minn kollox. Fis-7 ta' Frar 1806 ħa l-lawrja tal-Liġi. Fuq dil-biċċa sab ruħu xi ftit imfixkel, billi tħawwad għal liema professjoni jagħtiha, jekk hux dik ta' Nutar, inkella l-oħra ta' Avukat. Iżda fl-aħħar qata' li jagħżel dik ta' Nutar. U dan għamlu, għax wara żmien ta' madwar 5 snin li ħadem f'din il-professjoni, deherlu li jinqala' ħafna għaliha. Għalhekk ried li l-Gvernatur jagħmlu Nutar u jagħtih is-setgħa li jkun jista' jaħdem kull xorta ta' kuntratti flimkien mat-testmenti. U li hu ta' ħila u jinqala' għal kullma talab, turih u twettqu wkoll ix-xhieda bil-miktub li għamillu n-Nutar Kalċidon Bonello, li miegħu kien jaħdem ta' Stipulant.

Ix-xhieda tan-Nutar Bonello, mir-Rabat, iġġib il-jum 3 ta' Marzu tal-1806. Din tgħid li Midju Brignone hu ta' ħila kbira. Bla għajnuna ta' ħadd jinqala' biex waħdu jagħmel kull xorta ta' kuntratti u sa t-testmenti. Dax-xogħol għamlu għalih (għal Bonello), kull fejn Brignone ġie msejjaħ. Barra minn hekk, ma ried jidħol qatt għall-kuntratti li kien fihom xi tagħwiġ, iżda kien jilqa' dawk biss li kienu xierqa u sewwa. Brignone ta' sikwit kien jagħmel it-testmenti u l-kodiċilli (tibdil fit-testmenti) lil dawk li jitolbuh. Dax-xogħol ħadmu bla għajnuna ta' ħadd, sew fl-Offizzju tiegħu (ta' Bonello), kif ukoll f'Ħaż-Żebbuġ, fejn Brignone kien joqgħod. Iżda, billi Brignone kien għad ma kellux il-professjoni ta' Nutar, dawn kienu jiġu moqrija minn Bonello. B'dana kollu, dawn huma miżmuma fil-Minuti ta' l-Atti tiegħu, bla mimsusa xejn, minn kif kitibhom Brignone n-nifsu, billi ma kienu jinħtieġu l-ebda tibdil jew tiswija fihom.

Fuq it-talba ta' Brignone, il-Gvernatur amar, fit-8 ta' Marzu, li jiġi eżaminat mill-Udituri. Wara li dawn eżaminawh, qalu, li biex Brignone jilħaq Nutar li jista' jagħmel il-kuntratti ta' bejn il-ħajjin, kien għad jonqsu xi żmien għall-25 sena li jrid ikollu biex jikseb dina l-professjoni, skond ma jridu l-Liġijiet ta' Malta. Barra minn dan, biex jieħu t-testmenti, kienu jonqsuh ukoll ħwejjeġ oħra mitluba mil-Liġi. Din tgħid, li biex wieħed jikseb ukoll it-testmenti, irid jerġa' jitlob għalihom mill-ġdid wara xi żmien li jkun ilu li laħaq Nutar. Mela, biex Brignone ikun jista' jieħu t-testmenti, qabel kienu jonqsuh setgħat oħra.Għalhekk dehrilhom li kellhom jeżaminawh għall-kuntratti biss ta' bejn il-ħajjin. F'dawn sabuh tajjeb u jinqala' ħafna għalihom. Terġa', Brignone kellu wkoll dawk il-ħwejjeġ il-oħra kollha li jitolbu l-Liġijiet biex wieħed ikun jista' jsir Nutar. Minn ħaġa waħda biss kien nieqes, dik li għad ma kellux il-25 sena tiegħu. Iżda, għal din il-biċċa, ħallew f'idejn il-Gvernatur biex, jekk irid, jaħfirlu ż-żmien li jonqsu u jlaħħqu Nutar. U dan jista' jagħmlu billi Brignone kien illawrjat fil-Liġi wkoll.

Il-Gvernatur sama' milli qalulu l-udituri u, fid-29 ta' Marzu 1806, ta s-setgħa lil Brignone li jista' jagħmel il-kuntratti ta' bejn il-ħajjin biss.

Minn dak li għedna fuq Brignone, naraw, li għalkemm il-Gvernatur kellu l-Liġijiet f'idejh biex iġebbed fihom kemm irid, fejn ifettillu kien jimxi ma' dak li jgħidu huma. B'dana kollu, biex Brignone għamel dik it-talba tiegħu, aktarx li xi darba taw it-testmenti wkoll flimkien mal-kuntratti l-oħra. Li ma kienx hekk, ma naħsbux li

Brignone kien sa jittarraf biex jitlob dak kollu li semmejna. Iżda, jekk fi żmien l-Ordni kienu jillaxkaw ukoll f'din il-Liġi u jagħtu t-testmenti flimkien mal-kuntratti l-oħra, fi żmien l-Ingliżi ma sibniex li din il-biċċa saret xi darba. Mill-anqas hekk nistgħu ngħidu mill-kitba li ġiet f'idejna. Ma dan kollu,għalkemm xi Nutari kien għad ma kellhomx is-setgħa għat-testmenti, ġie li qalgħu wkoll minn għand il-Gvernatur biex jagħmlu xi wieħed 'l hemm u 'l hawn. Iżda din il-biċċa kienet tiġri darba fil-bogħod. Dis-setgħa sa fejn nafu aħna, sibna li ġiet mogħtija lil Nutar wieħed biss, lil Salvu Camilleri.

In-Nutar Camilleri għamel talba lill-Gverhatur. Fiha qal li ġieh il-waqt li jilqa' testment li kienet bi ħsiebha tagħmel Tereż, l-armla tal-mejjet Toninu Mattei. Iżda, huwa għalkemm ilu Nutar 3 snin, kien għad ma kellux is-setgħa li jgħamel it-testmenti. Għalhekk xtaq li l-Gvernatur jagħtih li jkun jista' jilqa' dana t-testment ta' Terez fl-Atti tiegħu u li jxandru fejn ikun jinħtieġ u fiż-żmien tiegħu.

Il-Gvernatur tah, fis-26 ta' Jannar 1811, li jista' jagħmel dak li talab. Iżda dis-setgħa m'hux darba biss ġiet mogħtija lil dan in-Nutar Camilleri. Fit-8 ta' Awissu ta' l-1811 reġa' qala' minn għand il-Gvernatur, wara talba li għamel, biex, testment li għamel Ċensu Mattei, jista' jniżżlu fl-Atti tiegħu u jxandru fiż-żmien li jkun jinħtieġ.

Bħalma rajna milli għedna, ġie li taw lil xi Nutari biex jagħmlu t-testmenti, għalkemm dawn kien għad ma kisbux dina s-setgħa. Iżda, barra minn hekk ġie li taw is-setgħa lil xi skrivani biex jaħdmu bħala Stipulanti, kif sa nuru.

Fl-1811, in-Nutar Ċensu Trionfi għamel talba lill-Gvernatur fejn fiha qal li fl-Uffizzju tiegħu kellu kotra kbira ta' xogħol li ma setax ilaħħaq man-nies. Iżda bħala Stipulant miegħu ma kellu 'l ħadd. Fuq hekk, xtaq li jqabbad wieħed mill-Iskrivani tiegħu biex igħinu f'dan x-xogħol. Imma kien jinħtieġ li dana l-Iskrivan ikun jista' jxandar il-kuntratti magħmula minnu (minn Trionfi) u b'ismu mniżżel fihom. U dan ikun jista' jagħmlu sew fl-Uffizzju tiegħu (ta' Trionfi), kemm ukoll bnadi oħra, fejn jiġi msejjaħ. Hu jaf tajjeb ħafna li Ġanni Anġlu Calleja, żagħżugħ ta' 21 sena, jinqala' sewwa għal dana x-xogħol. Dan kien ilu jitħarreġ miegħu ma' dwar 13 il-xahar biex jikseb il-professjoni ta' Nutar. Għalhekk xtaq li l-Gvernatur jagħti dis-setgħa lill-iskrivan li semma.

Il-Gvernatur laqa' t-talba ta' dan in-Nutar u taħ is-setgħa li ġiet mitluba għal Calleja, biex dan ikun jista' jxandar il-kuntratti li jiġu miktuba minn Trionfi.

* * *

Min qara din il-kitba tagħna, ma għandux jaħseb li, fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta, in-Nutari li saru kienu dawk biss li semmejnaħna. Le; xejn minn dan kollu. Barra dawk li ġibna, saruxi oħrajn ukoll. Biss, dawk li fit-talba tagħhom ma kien hemm xejn fihom ta' min ikun jafu, qtajniehom barra u ma semmejniehom xejn. F'dina l-kitba ġibna l-ewlenin Nutari li saru. Ma' dawn semmejna wkoll oħrajn li, fit-talbiet tagħhom, kien hemm tagħrif li seta' jitfa' xi xaqq dawl dwar din il-professjoni fil-qagħda tagħha ta' kif kienet dari. U b'hekk wieħed seta' jieħu ħjiel aktar sewwa ta' kif kienu jsiru n-Nutari fl-ewwel snin tal-Ħakma Ingliża f'Malta.

Ġużê Gatt.

ROYAL UNIVERSITY LIBRARY MALTA

# IMĦABBA U MIBEGĦDA

## (ĠRAJJIET TAL-BAĦAR)

*Lil Dr. C. Mifsud Bonnici.*

Fix-xefaq għadha tħammar l-aħħar dija
tax-xemx sajfija:
fuq wiċċ il-baħar, mewġa
tgħaddi ħafifa, u tmelles
il-blat hi-u-għaddejja. Il-ħdura
tas-siġar fuq ix-xatt, tħalli xbihetha
ġo l-ilmiet nadifa.
Thennik u tgħaxxqek tabilħaqq id-daħka
kbira, rżina, ferrieħa,
li tidħak in-natura!

Ħafifa donnha tajra,
taqbeż minn tarf ta' blata xbejba ħelwa
—ħaddejha ħawħa u ġenbejha sħaħ.
Il-mewġ bil-għira min jilħaqha l-ewwel
jersaq għal fejnha,
igħannaqha,
iħaddanha,
u jbus dlielha tad-deheb, u ġbinha ħlejju.

'Sabiħ il-baħar,'—tgħajjat hi—'ħanina
l-Id tal-Imgħallem.'
fil-waqt li żżiġġ u togħd's u ddur u taqdef,
u ssieħeb it-tbissima ta' xuftejha
mat-tbissima tal-baħar, u tax-xmejxa
li nieżla... nieżla.

*

Imma, x'imkien fil-bogħod, bejn sema w ilma,
il-baħar qam fuq tiegħu:
ħalel jinbarmu,
jitfarrku,
jgħannu l-għanja ta' qilla,
jogħlew mogħla s-smewwiet, u jerġgħu
jitfarrku... jitfarrku.

Bil-mewt fuq wiċċu, jaqdef, jaqdef, jaqdef,
u sidru jaħbat mal-mewġiet imgħaddba,
il-Baħħâr bla saħħa.
Qalil il-baħar, u qalila l-fehma
Ta' dak il-bniedem,
il-fehma mkebbsa
bin-nar tat-tama kbira,
li dalwaqt jilħaq... dalwaqt....
l-art tal-ħelsien.

—Uliedi—jgħajjat,
u quddiem l-għajnejn ta' ruħu
jilmaħ resqin
it-tfal, xbihat il-ferħ u s-saħħa. O x'hena
tixref ma' ħarsithom!
Xi ħlewwa
bħal dik li tbexxaq fuq il-ġuf ta' warda!
U f'dan il-ħin ta' seħer
tfiġġ dlonk il-ħajja fuq xuftejh. It-tama,
l-aħħar sultana,
tħares titbissem fuq il-mewġa mħawda
ta' ħsebijietu.

B'għajnejh itajru n-nar, jaqdef u jaqdef,
jiggranfa kullimkien,
kullimkien jerħi
għall-qabda tiegħu.
U fl-aħħar
il-ġisem li min jaf f'miljet żgħużitu
kemm ħadem u kemm ħabrek,
Issa taħt il-mewġ nieżel... nieżel...
jintrefa' 'l fuq ħarira, u jerġa'
nieżel... nieżel.

*

Ħafifa,
ferħana,
daħkana,
titwieżen fuq ġenbejha,
tmelles ħaddejha

ma' wiċċ il-baħar, safi bħal kristall, u ħiemed,
ix-xbejba---warda fis-sejħiet ta' mħabba.
L-imħabba
li ġibditha bis-sħiħ
lejn il-baħar sabiħ,
ma kinetx isħaħ mill-mibegħda kbira
f'qalb il-baħħâr, imsejken!
fl-aħħar ħin
meta,
bid-dawl ta' l-aħħar tama jixgħel ħsiebu,
kien nieżel... nieżel,
nieżel.

ĠUŻÊ CHETCUTI.

Marzu, '36.

# IL-MALTIN F'LEPANTO

Meta l-Papa San Piju Ħamsa samma' leħnu u sejjaħ lil kollha kemm huma s-Slaten ta' l-Ewropa, sabiex jerħulha lejn Ċipru u jikkumbattu l-infidili, li kellhom għaqda ta' xwieni l-aktar qawwija ta' mitejn u ħamsin biċċa, l-Ordni ta' San Ġwann għamel ħiltu kollha u b'rjieda sħiħa laqa' dik is-sejħa tal-Kap tal-Knisja. U għad li huwa kien għadu għajjien mill-għawġ li kien għadu kemm għadda minnu—ftit snin qabel kien żamm dak l-Assedju li qatt ma jintesa għal aktar minn tliet xhur sħaħ b'għaġeb ta' kollha kemm hija d-dinja; kien nefaq il-flejjes kollha tat-teżor għall-bini, li kien għadu jissokta, tal-belt Valletta; kien ukoll, ftit qabel, sofra dik it-telfa tax-xwieni minħabba n-nuqqas ta' għaqal tal-ġeneral S. Klement (li għalhekk kienet inqatgħetlu għall-mewt) b'dan kollu l-Grammastru Pietro Del Monte laqa' l-istedina tal-Papa, u bagħat f'Messina, port

tal-laqgħa ta' l-armata nisranija, ix-xwieni Santa Marija, tal-Vittorja, li kienu jgħidulha l-Patruna, il-Kaptana, jew kif jngħidu l-lum, ix-xini ta' l-armirall, San Ġakbu u San Pietru (1), taħt it-tmexxija tal-Kavalier Ġustiniani, flimkien ma' ħafna Kavalieri ta' ġnus imħallta, u ma kotra kbira ta' Maltin, kif Maltin kienu wkoll il-baħrin tax-xwieni.

Salpaw mal-bqija ta' l-armata nisranija, taħt il-Kmand ta' Don Giovanni d'Austria, u fl-ewwel ġranet ta' Ottubru kienu fil-port ta' Cefalonja, u fis-7 tax-xahar, li kien il-Ħadd, bdew it-taqtigħa tal-biża' fil-golf ta' Lepanto; fejn, wara tliet sigħat ta' kumbattiment u għeġubijiet ta' ħila miż-żewġ naħat, rebħu għal kollox u ħarbtu lill-għadu, forsi iktar għat-talb ta' l-Imqaddes Rużarju, li l-insara kollha għollew lejn Alla, milli bis-siwi ta' l-armi. Ix-xwieni ta' Malta reġgħu ġew lura fit-3 ta' Diċembru, b'żewġ xwieni oħra Torok, li messew lilhom bħala priża; u *għadilli* (igħid l-Istoriku ta' l-Ordni) *kien sar wisq ferħ għal rebħa hekk kbira, iżda d-dmugħ, il-lfiq u t-tnehid ta' l-imsejknin nisa Maltin, li f'dik il-ġurnata kienu tilfu 'l uliedhom, lil żwieġhom, u 'l qrabathom, kienu kisru qalb kulħadd.*

Għal din ir-rebħa glorjuża, Ommna l-Knisja Mqaddsa sellmet lill-Verġni Marija fil-litanji : Għajnuna ta' l-Insara : *Auxilium Christianorum*, u, stabbiliet il-Festa tar-Rużarju, mimlija b'fehma sħiħa, li taħt il-protezzjoni ta' Sidtna Ommna Marija Santissma taħt dak it-titolu msejħa bil-fidi mill-Insara kollha, ġiet ir-rebħa fost dawk li kienu fil-għelt bejniethom, wisq aktar milli ġibuha huma bl-armi tagħhom, u l-ħila li biha kienu mimlija, u fosthom, nerġgħu ntennu, kienu hemm dawk il-qalbenin misserijietna, immexxija mill-qalbiena Kavalieri tal-Kbira Ordni ta' San Ġwann.

SALVU AGIUS.

---

(1) Dr. Ġan. Ant. Vassallo, flok San Ġakbu u San Pietru jsemmi żewġ xwieni oħra, li huma : Sant'Anna u San Ġwann. Iżda l-Bosio, fl-opra tiegħu: *Historia dell'Ordine Gerosolem.* isemmu dawk li semmejna aħna.

# MILL-MEWT GĦALL-ĦAJJA!

Nifsu maqtugħ, jirtogħ'd imbikki u kiebi;
is-saħħa ntiret, minn qalbu l-faraġ tar;
miexi qajl-qajl, u fuq għasluġ imwieżen;
iż-żmien irossu u qalbu tfur bl-imrar...

Jilgħeġ... għajjien... il-mewt diġa fuq wiċċu
resqet biex tiġbru u ddaħħlu fil-mistrieħ
ġol-marqad tad degħbien taż-żmien ta' dejjem,
u jeħles minn kull għajb li jinsab fih...

U malli tasal ħdejh ma tgħaddix dqiqa...
taqtagħlu n-nifs—twassallu t-tmiem tal-ħajja
u b'kelma sħiħa u rieda iżjed qawwija
bla ma tmur 'l haw jew 'l hinn... bla ma titlajja,

iddaħħlu f'ħajja kollha kemm hi ġdida!...
u ma jeqafx għall-ħaqq quddiem ix-xej
biex jagħti kont t'għamilu!! għax jissaffa
fl-għarbiel irqiq—fid-delu tal-Mulej!!!

U jekk tkun ħajtu taqbel ma min qal:—
*"Arfa' salibek ta' kull jum warajja"*
imbierek hu! Għax dak in-nhar isir
*sultan* fis-sebħ tad-dwiem! *mill-Mewt għall-Ħajja.*

R. M. B.

# L-Annimali u l-egħdewwa tagħhom

Jekk il-bniedem għandu l-egħdewwa tiegħu u jrid joqgħod b'seba' għajnejn minnhom, xejn inqas minnu għandhom l-egħdewwa tagħhom l-annimali: dawn l-egħdewwa jistgħu jkunu sewwa l-bniedem kemm ukoll annimali oħra. Iżda biex jilqgħu rwieħhom Alla ta lil kulħadd il-għodda meħtieġa biex jaħrab mill-mewt. Lill-bniedem l-ewwelnett Alla tah id-dehen li bih hu jaħrab it-tiġrif u li bih hu għaraf isawwar armi u ħwejjeġ oħra biex jiddefendi ruħu. L-annimali wkoll għandhom istint qawwi li jġagħilhom iħossu mill-bogħod il-periklu; iżda, barra minn dan Alla---li ħalaq is-sema u l-art u Hu qiegħed iżommhom kull jum — tahom ħwejjeġ oħra li bihom jinqdew biex jeħilsu kemm jista' jkun mill-egħdewwa tagħhom li jdawruhom minn kull imkien.

Biċċiet minnhom joqogħdu fuq is-saħħa tal-għaġeb li biha jwerwru lil l-egħdewwa tagħhom u li mħabba fiha leħinhom ikexkex lill-annimali u jżomm lura l-pass tal-bniedem.

Oħrajn tgħinhom ħafna biex jeħilsu mill-mewt il-ħeffa ta' riġlejhom jew ta' ġwenħajhom li din, flimkien ma' l-istint qawwi tal-periklu, tbegħidhom f'mument wieħed mill-mewt żgura.

Oħrajn il-ħxuna tal-għata ta' ġisimhom li mhux għal kemm ixoqquha l-egħdewwa tagħhom.

Annimali oħra għandhom ħaġ'oħra li jekk ma teħlishomx dejjem mill-mewt, tgħinhom ħafna biex ma jingħarfux mill-egħdewwa tagħhom. Dan hu l-lewn ta' ġisimhom li jaqbel ħafna ma' fejn ipoġġu, lewn li ftit il-bogħod jaħbihom mill-għajnejn. Għal l-ewwel in-naturalisti tefgħu għajnejhom fuq il-bhejjem tax-xagħri u sabu li t-tigra b'dak it-tnaqqix ta' lewn tixbah il-ħxejjex tal-boskijiet, il-linji ta' fuq dahar il-leopard donnhom id-dell tas-siġar fuq l-art imdawla bix-xemx, raw imbagħad il-lewn ta' bosta għasafar li jgħixu fuq is-siġar jixbah il-lewn u l-għamla tal-friegħi ta' dawk is-siġar il-kbar; imbagħad, bil-mod il-mod, sabu l-lewn abjad ta' xi annimali, abjad daqs is-silġ li jgħixu fuqu li minn ftit il-bogħod xejn ma jagħżilhom minnu, bdew jaraw xi friefet li meta jpoġġu fuq zkuk is-siġar donnhom weraq niexef sejjer jaqa', dud twil twil donnu zkuk tas-siġar, raw l-imħar li jaqbel mal-blat sewdieni, dud lewn l-alka u kemm u kemm ħwejjeġ oħra.

Barra minn dan hemm ħaġ'oħra iżjed tal-għaġeb li biha xi annimali jagħirfu jiżolqx mill-mewt b'ħażen l-iżjed kbir.

Xi annimali jaslu biex, meta jaraw il-periklu, jagħmlu ta' bir-ruħhom mejtin.

Fost dawn l-iżjed imsemmija huma l-klieb slavaġ ta' l-Awstralja, qatgħa żgħira ta' ċriev imsejħa *kankil*, u xi lifgħat ta' l-Amerka.

Dal-klieb ta' l-Awstralja ma jafux jekk humiex salvaġġi tal-post jew xi nisel ta' klieb meħudin u mħollija hemm min-nies fi żminijiet ilhom. Billi dal-klieb huma ta' ħsara kbira għall-imrieħel kbar ta' l-Awstralja, l-Awstraljani jagħmlulhom gwerra u għad li ħafna jiġu minxura, b'dan kollu, mhux kull kelb minxur hu kelb mejjet, għax b'din is-sengħa li jagħmlu ta' bir-ruħhom mejtin, mhux wieħed u tnejn jaħarbu mill-mewt. Wieħed minn dawn il-klieb ikun imsawwat għall-mewt li jinxeħet qisu bla ebda ħajja tant li min ikun isawtu jitilqu, iżda dawn jistagħġbu mhux ftit jekk ifettlilhom iħarsu lura għax jaraw il-kelb "jirxoxta" u jaħrab b'kemm ikun fadallu saħħa; xi wieħed imqar isofri li jibdew iqaxxruh qabel ma juri li hu ħaj.

Hemm "Volpi" jew "kelb ta' Azara" fl-Amerka t'isfel li jħobb jittanta jidħak bil-klieb li jkunu jikkaċċjawh għax jagħmilha ta' mejjet.

Iżda mhux annimali kbar biss jagħmlu din il-logħba- -li kieku kien hekk, kien jista' wieħed jaħseb li dan ġej millmoħħ li, b'xi mod jew ieħor, hu kbir biżżejjed biex jaħdem— imma naraw li mqar il-lifgħa u ż-żrinġ jagħmlu dan ixxogħol u għalhekk għandna 'naħsbu li dan mhux għajr ilġibda u l-istint qawwi li jeħilsu mill-mewt.

Fl-Amerka ta' fuq hemm lifgħa żgħira li għad li ma tagħmilx ħsara, min idejjaqha taf titħak bih ħelu ħelu: terfa' rasha, tqum fuq tagħha, tiltewa qisha xi kobra (lifgħa velenuża mill-iżjed) sejra tagħti s-salt. Min ma jagħrafhiex jitbażża' u jaħrab u min ma jaħrabx u jibqa' jittantaha hi tara tidħakx bih b'mod ieħor: taqa' fl-art u tibda titkagħweġ qisha qiegħda tmut u tibqa' tnaqqas bil-mod il-mod sa kemm taħsibha mejta; imbagħad tħalli lil dak li jkun li jerfagħha u tintelaq f'idejh qisha mejta. Meta jitlaqha u jitwarrab hi "tirxoxta".

S.

# TNEHID TA' LTIM

## FIL-GĦID TA' L-IMWIET

*Lil ħabibi G. A. li jifhimha.*

Ġibuli l-ward u l-weraq
ġibuli ħalli ndomm
kuruna ċkejkna, sbejħa,
li b'għożża nbus b'dal-fomm;

neħodha fuq il-qabar,
hemm fejn, għidtuli, nsib:
lil dik li tatni l-ħajja,
lil dik li f'qalbi nġib;

lil dik li ta' sidirha
għajxitni bil-ħalib;
dik li għallmitni l-ewwel
ir-radda tas-Salib,

u fil-wens ta' ħoġorha
għallmitni l-ewwel kliem;
u qaltli nħobb is-sewwa
x'ħin tat lid-dinja s-sliem;

lil dik li "mamma! mamma!"
insejjaħ domt għal żmien,
u nfittex fid-dar kollha
mingħajr ma nsibha mkien;

Lil dik li, kif għidtuli,
metitli ta' tletin;
lil ommi, l-lum midfuna
fil-Għalqa tal-Mejtin...

Jiena rrid fuq qabarha
inqiegħed il-wardiet
u l-weraq li ġġibuli
f'dal-jum ta' Għid l-Imwiet!

Ħal Lija — MARIO AGIUS

# MIKIEL ANTON VASSALLI

(*Jorbot mal-Għadd ta' Ġunju paġ. 53*)

L-ewwel faċċata tal-Kodiċi Diplomatiku ta' Sqallija kienet kopja stampata tal-kitba għarbija oriġinali tal-manuskritti għarbin tal-Kodiċi hekk imsejjaħ Martinjan għax misjub fil-Monasteru "Cassinese" ta' S. Martino qrib Palermu. Ma' din il-kopja kien hemm oħra bħalha, iżda mfissra bil-karattru għarbi korsiv neskhi u ma' ġenbha t-traduzjoni tagħha bit-taljan magħmulin mill-Abbati Vella. De Guignes, wieħed mill-aqwa Arabisti ta' dak iż-żmien, wara li fela din l-ewwel faċċata fisser fil-"Journal des Savans" ta' Awissu, 1786, illi l-Għarbi ta' dak it-test li deher bħala mudell fl-ewwel faċċata tal-Kodiċi kien jixbah fl-istil lil dak tad-Dutrina Nisranija stampata Ruma fl-1752 għat-tagħlim tal-poplu Malti (1) u għalhekk, fuq il-għarbi ta' dan it-test li kien qiegħed jistampa ruħu, ma setax jaħseb ħaġ'oħra ħlief illi hu għarbi mħassar li milli jidher kien aktarx mitkellem fi Sqallija. Tychsen ukoll kellu xi dubju fuq dan il-Għarbi, iżda l-ħbieb ta' Vella serrħulu rasu billi qalulu u fehmuh illi l-Għarbi tal-Kodiċi kien dak ta' l-Isqallin ta' dari li lsienhom kien jixbah lil dak tal-Maltin. Biex iħalsuh ta' din it-traduzzjoni lil Vella għamluh Professur tal-Għarbi f'Palermu. Il-Kanonku R. de Gregorio tfantas għall-aħħar għax deherlu li dik il-kariga kienet tmiss lilu. Taħt il-psewdonimu ta' *Veillant* xandar ittra lil De Guignes, miktuba bi franċiż ħażin ħażin, fejn wera illi l-Għarbi tal-prefazzjoni tal-Kodiċi kien miktub bil-Malti u mhux bil-Għarbi sewwa. Fost il-ħbieb ta' Tychsen kien hemm ukoll il-Professur Simone Assemanno tal-Kulleġġ tal-*Propaganda Fide* ta' Ruma. Dana mill-ewwel kien tal-fehma li l-Kodiċi kien falz, iżda ma ħasebx ħażin fuq Vella; lil Vella qiesu bħala bniedem li kixef dawk id-dokumenti foloz u mhux bħala bniedem li iffalzahom. F'waħda mill-ewwel ittri huwa kiteb lil Tychsen: "Lill-Abbati Vella jiena sirt nafu *in persuna* f'Malta; dana żgur li mhux bniedem li għandu l-ħila jagħmel din il-biċċa qerq." F'Awissu tal-1789, jiġifieri erba' snin qabel ma Vassalli ħareġ it-traduzzjoni tat-tliet skrizzjonijiet għarbin, Assemanno raġa' kiteb lil Tychsen : "Jista' jkun illi l-awtur tal-Kitba Għarbija tal-Kodiċi huwa Malti, iżda lanqas ma naħseb li hija ta' l-Abbati Vella li jiena bi ħsiebni nibqa' niddefendi l-innoċenza tiegħu għaliex nafu bħala persuna l-iktar onesta." Iżda snin wara, jiġifieri meta Vella nsab ħati talli kien iffalzja

(1) *Tagħlim Nisrani* tal-Qassis Wzzino, Vigarju ta' l-Isqof Alpheran.

l-Kodiċijiet għarbin u ġie ikkundannat ħmistax-il-sena ħabs ġewwa fortizza, Assemanno ntebaħ li kien tqarraq għax ħa bniedem b'ieħor.

Fit-22 ta' April, 1798, jiġifieri ħames snin wara li Vassalli kien ħareġ it-traduzzjoni ta' l-iskrizzjonijiet għarbin u sentejn wara li ħareġ il-*Lexicon*, hu raġa' kiteb lil Tychsen fejn stqarrlu li hu ħallat il-persuna ta' Vella ma' dik ta' Mikiel Anton Vassalli: "Jiena s'issa kont naħseb li dan Vella kien dak il-bniedem li *kien qed igħallem* il-Lsien Għarbi f'Malta meta jiena kont f'dik il-Gżira, iżda issa qed nara li tqarraqt u ħallatt lis-Sur Vassalli li huwa l-lum il-Professur ta' l-Ilsna Orjentali f'Malta, li jaf tajjeb bil-għarbi u li hu bniedem onest ħafna u ta' l-akbar reqqa."

Minn dan kollu għandna niġbdu li Assemanno, kif jidher ukoll mill-ittra tiegħu fil-Grammatika Maltija bil-latin ta' Vassalli (1791), kien ilu jaf lil Vassalli minn żmien qabel ma ħarġet it-traduzzjoni tal-Kodiċi Martinjan u qabel ma nqelgħet il-kwistjoni tal-falsifikazzjoni, jiġifieri millinqas qabel l-1788. It-tieni ħaġa hija dik li qabel l-1788, meta Assemanno kien Malta, Vassalli kien Professur tal-Lsien Għarbi. Dik il-ħabta Vassalli kien abbati u għalhekk ħalltu ma' Vella.

Vassalli, kif jidher, kien beda jgħallem l-Għarbi hawn Malta wera li tgħallem f'waħda minn dawk l-iskejjel tal-Għarbi li kienu nfetħu mill-fondi tal-*Propaganda Fide*. Dan sata' kien bejn l-1780 u l-1787 meta Vassalli kellu iktarx mal-20 sena jew xi ftit fuqhom.

It-tielet ħaġa hi li, skond Tychsen, Vassalli kien Professur ta' l-Ilsna Orjentali f'Malta għal ħabta tal-1798, iżda aħna nafu li Vassalli sa April tal-1798, jiġifieri max-xahrejn qabel ma daħal Napuljun f'Malta, Vassalli kien itturrufnat minn Malta u għalhekk, naħseb, illi Tychsen ried iktarx igħid għal dak iż-żmien meta Vassalli kien raġa' minn Ruma għal Malta għal ħabta tal-1796 jew ftit qabel.

F'Ottubru tal-1794, sena wara li Vassalli ħareġ bit-traduzzjoni ta' l-iskrizzjonijiet Għarbin, Angelini, il-Bibljotekarju tal Bibljoteka ta' Palermu, bagħat kopji ta' dawn l-iskrizzjonijiet lil Tychsen biex jara jekk dana jistax jagħtih tifsir tagħhom sewwa. Hawnhekk naħsbu illi l-Bibljotekarju kellu xi dubju mit-traskrizzjoni ta' Vassalli. F'ittra oħra li kiteb lil Tychsen, (5 ta' April, 1795) Angelini jsemmi li hu newwel dawn l-iskrizzjonijiet lil Vella li ma għaraf jagħtih ebda tifsira tagħhom. Tychsen, milli jidher, kien wieġeb għall-ittra ta' Angelini u fissirlu dawn l-iskrizzjonijiet (Ara Amari. *Le Epigrafi Arabiche*, 1879 pp. 85, 66 u 76).

Fuq l-iżball li ħa Assemanno meta ħallat lil Vassalli ma' Vella jitkellem Hartmann *Beilage zu den* C. C. Tychsen, Verdunsten, Bremen, 1818.

Tliet snin wara li Vassalli ħareġ il-ktejjeb bit-traduzzjoni ta' dawn l-epigrafi għarbin, deher il-*Lexicon Melitense* tiegħu li fuqu qabel fissirna bosta ħwejjeġ.

Ftit issa baqgħelna xi ngħidu fuqu barra minn dak li hu mertu ta' l-istess xogħol. Milli jidher minn kliem Vassalli fid-*Discorso Preliminare* tad-Dizzjunarju, kienet din il-biċċa xogħol li hu kien beda jaħseb fiha sa minn meta qabad jaħdem il-Grammatika Maltija bil-Latin, li ġagħlitu jistudja l-Għarbi u ilsna oħra ta' nisel wieħed mal-Malti jew ilsna qraba tiegħu. Hu kien jaf li sa dak iż-żmien ebda Grammatika Maltija u ebda Dizzjunarju ma sata' jsir skond ma trodd is-sengħa jekk mhux fuq is-sisien ta' tagħlim sħiħ ta' dawk l-ilsna l-oħra sħab il-Malti li tagħhom kienu nkitbu bosta grammatiki u vokabolarji u li fuqhom wieħed sata' jibni t-tagħlim sod tal-Malti, fuq dak li trodd il-għamla ta' l-istess ilsien. Vassalli, għalhekk, għandna naħsbu li beda jitgħallem u jitħarreġ fil-Malti żmien qabel is-sena 1791. Qabel Vassalli, Agius de Soldanis, l-ewwel Bibljotekarju f'Malta, kien kiteb u ħareġ Grammatika Maltija, stampata Ruma fl-1750; jiġifieri 41 sena qabel dik ta' Vassalli. Barra minn din kien ħadem dizzjunarju malti, li jinsab manuskritt taħt l-isem ta' *Damma tal-Kliem Kartaġiniż*, eċċ. Iżda, billi De Soldanis, kif Vassalli jistqarr fil-*Lexicon* p. XIV. (4), kien nieqes mit-tagħlim ta' l-ilsna Semîn, hu ma sata' qatt jasal biex jibni l-kliem malti fuq prinċipji grammatikali u lanqas ma jiffissa reguli ta' grmmatika maltija jew jagħti n-nisel tal-kliem malti fid-dizjunarju tiegħu, b'mod li jkun jiswa għall-maltin jew għorrief barranin. Għalhekk il-*Lexicon* ta' Vassalli, flimkien mal-Grammatika Maltija, nistgħu bir-raġun kollu nqisuhom bħala l-ewwel sisien fil-bini tal-Lsien Malti.

Fil-Prefazzjoni, jew kif isejħilha hu Taħdita ta' Qabel, jitħaddet fuq in-nisel, il-ġrajjiet, il-kondizzjon u l-għamla tal-Lsien Malti f'dak iż-żmien; il-ħtieġa li wieħed iħaddmu, il-mod u l-metodi biex tħaddmu u tmexxih il-quddiem u torqom u ssaħħaħ il-letteratura tiegħu, l-alfabet il-ġdid imdaħħal f'dak ix-xogħol. Vassalli jaqsam il-Lsien Malti f'ħames djaletti li jingħażlu minn xulxin mill-pronunzja tal-gutturali *għ*, *ħ* u *q* u mill-vokalizzazzjoni tagħhom fost in-nies ta' bliet u rħula. Vassalli isib, għalhekk, li dawn għandhom seba' vokali, fosthom żewġ vokali twal. Ifisser il-ħasra li bâta l-Malti talli sa dak iż-żmien ma kienx hemm kotba maltin miktubin

suret in-nies, li jitkellmu fuq it-tagħlim nisrani u fuq il-il-liġijiet. Jitkellem fuq il-metodi għat-tagħlim tal-Malti u jifisser kif dan it-tagħlim jista' jitwettaq billi wieħed juża l-Alfabet fonetiku tiegħu li jaqbel mal-għamla tal-Isien Malti. Igħid li l-kitba maltija kienet nieqsa sa dak iż-żmien minn alfabet sħiħ billi l-ittri latini ma setgħu qatt ifissru l-gutturali tal-Isien Malti li għalihom kellu joħloq u jfassal karattri ġodda. L-alfabet ta' Vassalli f'dan ix-xogħol huwa ta' 33 ittra. L-istudji grammatikali, li huma msenslin max-xogħol tad-dizzjunarju, jimxu fuq is-sistema,bħal ma stqarr Vassalli, ta' l-Aramajk, is-Samaritan, il-Lhudi, is-Sirjak u l-Għarbi li huma ilsna aħwa tal-Malti, iżda l-iktar, imbagħad, fuq il-bini tal-kelma maltija stess illi bosta drabi ma taqblix mal-Għarbi. L-ortografija tal-kliem hija mibnija fuq il-prinċipji tal-"*Mylsen*" tal-1791. It-taqsim ta' kliem skond l-alfabet hejjieh bissistema ta' kartolini magħruf fostna taħt l-isem Ingliż "*card system*", il-lum użat f'xi dipartimenti bħal Bibljoteka u fid-dokumenti tal-Pulizja. B'dan il-mezz Vassalli sata' għal kull kelma bla taħwid u tfixkil kbir, jagħti t-tifsira ewlenija tagħha, imbagħad it-tifsirijiet l-oħra kollha li għandha fil-qrib jew xebh mal-kelma ewlenija fil-qwiel maltin. "Sabiex ma noqgħodx nikteb u narġa' nikteb jiena u nżid xi kliem f'dak li nkun ktibt għal kull kelma,u sabiex inqassmu b'iktar reqqa u b'inqas taħbit, l-ewwel ma għamilt niżżilt kull kelma għaliha fuq biċċa karta u bil-ftit il-ftit bdejt nirranġa il-kliem kollu skond l-alfabet ġewwa kaxxetta li tesagħhom, (kull waħda għaliha). B'dan il-mezz stajt indomm għal kollox il-kliem li ġbart biex ninseġ din il-biċċa xogħol, billi b'hekk stajt bla xkiel inwassa' f'kull kelma u nżidha fit-tifsir ta' sinonmi u tifsir ieħor li jvarja." Hekk fisser Vassalli stess fuq dan it-taqsim li għamel (Ara Lexicon Melit. Discorso Preliminare XXXVII—par. LXXXVIII).

L-alfabet tad-dizzjunarju hu mqassam fuq dak ta' l-ilsna Semin, fosthom tal-Għarbi. Vassalli jistqarr illi biex jaħdem dan id-dizzjunarju, bħala, tista' tgħid l-ewwel dizzjunarju li kien sar, huwa kellu jħabbel rasu mhux ftit biex ta' kull kelma maltija jagħti t-tifsira sewwa tagħha bit-Taljan u bil-Latin. Din kienet biċċa xogħol ħafifa mit-Taljan għal-Latin, billi dawn l-ilsna huma ta' ġens wieħed, iżda mhux mill-Malti għat-Taljan u Latin jew bil-maqlub. Barra minn dana għal dawk li huma kliem tal-biedja, ħxejjex, u snajja', hu kellu qabel xejn isaqsi u jgħarbel fost in-nies tas-sengħa u jqabbel il-kliem ma' dawk li hemm fit-Taljan u fil-Latin. Naħseb, madankollu, illi d-dizzjunarju ta' De Soldanis taħ

xi ftit tad-dawl fuq xi kelma 'l hawn u 'l hinn għal dak li hu tifsir.

Id-dizzjunarju fih mat-18,000 kelma bil-kliem Latin u Taljan li jaqbel mat-tifsir tal-kelma maltija. Dawk il-ftit li tagħhom ma sabx il-kelma li taqbel fil-Latin jew fit-Taljan, huwa fisser bi kliem ieħor, bit-Taljan jew Latin, b'mod li l-qarrej jista' jifhem it-tifsira tal-kelma maltija.

Ta' xi kliem li ma kienx jaf sewwa x'ifisser, huwa ma issograx jagħti l-kelma latina jew taljana u immarkahom bl-ittri *d. s.* li jfissru *desiderasi la significazione* jew *desideratur significatio*. Iżda dawn huma bil-ftit. Hawnhekk Vassalli wissa' lill-qarrejja tiegħu li ma għandhomx jaqtgħu addoċċ fuq jekk il-kliem malti jaqbelx sewwa u f'kollox mal-kelma taljana jew latina, il-għaliex jiġi li xi wħud mingħajr ma jkunu jafu bil-lsienhom stess jidhrilhom li jistgħu jagħtu l-fehma tagħhom bla ma jitqarrqu u jqarrqu 'l ħaddieħor. Huwa jistqarr li bħala dizzjunarju ta' din il-għamla sata' ħa xi għelt, u fejn wieħed jurih biċ-ċar li għandu żball, huwa lest biex isewwih minnufih; fisser, għalhekk, li hu xtaq min jurih l-għiltijiet tiegħu biex ikun jafhom u jsewwihom, "*il-għaliex ma riedx li mieghu jitgħallet ħaddieħor, iżda, mill-banda l-oħra, lanqas ma ried li ħaddieħor iġagħlu jagħlet, fejn hu qabbel bil-ħaqq u fejn f'ilsien jew ieħor huwa ta dik il-kelma li taqbel sewwa mat-tifsira tal-kelma maltija.*"

Dan jurina kemm Vassalli fit-tgħarbil tal-kliem Malti u fi-istudju kollu li jagħmel fuq il-Malti kien bniedem ta' reqqa kbira. "It-tifsira tal-kelma" kien qal band'oħra, "tinħtieġ studju partikulari u moħħ li jifhem fil-wisa' għall-aħħar, li mingħajru aħna qatt ma nistgħu naslu biex niddeċiedu tajjeb".

A. C.

*Jissokta*

# Kotba ġodda bil-Malti fl-1936

F'din il-ħarġa wkoll għandna xi nsemmu, (għad li mhux ħafna), xi ftit kotba ġodda bil-Malti stampati bl-ortografija tal-Għaqda tagħna biex nuru kemm il quddiem miexi t-tagħlim tal-Malti u kemm hu minnu li, il-lum, min irid jistampa ktieb bil-Malti li jrid li jinqara minn kulħadd u fl-istess ħin ma' jnaqqaslux mill-ġieħ tiegħu, għandu jistampah bl-ortografija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti—l-ortografija uffiċjali tal-Gvern, imgħallma fl-Iskejjel, imdaħħla fl-eżamijiet u għalhekk, jagħmlu x'jagħmlu l-egħdewwa tagħha, dik l-ortografija li, il-lum jew għada, għandha tkun il-libsa waħdanija tal-kitba kollha bil-Malti.

Mill-aħħar ħarġa tagħna---fejn semmejna l-kotba kollha bil-Malti miktuba bl-ortografija tagħna li kienu ħarġu f'dawk it-tliet xhur---ħarġu :

It-taħdita li għamel il-Prof. Dun P.P. Saydon, B. Litt. B. L. Can., D.D., Lic. S. Script. quddiem il-Monument tar-Rebħa fil-jum 7 ta' Settembru 1936, *Tifkira tar-Rebħa l-Kbira ta' Malta tat-8 ta' Settembru, 1565*:

Din it-taħdita, qalgħet applawsi kbar minn min kien hemm jismagħha, l-iżjed fejn is-semma l-Ilsien Malti li hu "demmna, ħajjitna, ruħna". Din it-taħdita, barra milli nstemgħet minn min kien hemm imdawwar max-xbieha tar-Rebħa, instemgħet ukoll minn bosta li ma setgħux jersqu 'l hemm, per mezz tar-radjo, u hekk il-kelma sħiħa, qawwija, imħeġġa tal-Prof. Saydon wasslet ma' Malta kollha l-wegħda li "Malta tibqa' dejjem Malta Rebbieħa, Malta Nisranija, 'Malta fil-Lsien u l-qalb, Malta Maltija'."

* * *

Id-Ditta Giovanni Muscat, dawn il-ġranet, tatna f'idejna xogħol sabiħ ħafna bil-Malti : l-istorja ta' Malta tad-Dr. Ġan Anton Vassallo. Dr. Vassallo,—li hu magħruf bħala kittieb tal-Malti l-iżjed għall-poeżijiet sew ta' *ħrejjef u ċajt* kemm ukoll għall-poema *il-Ġifen Tork* li ħallielna—kien kiteb din l-istorja ta' Malta fl-1862 u kienet issemmiet ħafna.

Din l-istorja ta' Dr. G. A. Vassallo billi, kif ġa għidna, ġiet miktuba ħafna snin ilu, issa ġiet miżjuda u mirquma mis-sur Salv. Agius, kittieb magħruf ħafna, imżewqa b'ħafna stampi sbieħ, aktarx meħuda mill-pitturi u mill-arazzi li jinsabu fil-palazz tal-Gvernatur, u maħruġa mid-Ditta Muscat. Ktieb sabiħ ta' fuq l-400 faċċata miktub b'malti mexxej, stampat bl-ortografija tal-Għaqda u fuq kollox, għalina, fih l-isbaħ ġrajja għax fih il-ġrajja ta' pajjiżna—sew jekk hi ġrajja ta' għaks jew ta' ġid, sew jekk hija ta' dwejjaq jew ta' ferħ sew jekk hi ta' ġlied, tbatija, dwejjaq, hena, rebħ, tgawdija.

L-edizzjoni ta' dan il-ktieb tajba ħafna għax sew il-karta kemm l-istampa tiegħu, kif ukoll l-illustrazzjonijiet, huma mill-aħjar; id-daqs mexxej ħafna u biex, kollox ikun sew, kif ġa għidna, stampat bl-ortografija tal-Għaqda tagħna—ħaġa li, il-lum, fi ktieb, tħajrek iżjed biex tiksbu.

* * *

Barra minn dawn, ħarġu żewġ kotba oħra li għad li żgħar, għax ta' 32 faċċata l-wieħed, għalina huma kbar bil-bosta.

Dawn huma l-ewwel żewġ kotba tal-*Ġubra ta' Kitba ta' Sir Temi Zammit.*

Liema Malti li, dan l-aħħar, b'xi mod jew ieħor, ħass xi ġibda lejn il-kitba Maltija, ma jafx x'kien irodd għall-Malti l-mibki Sir Temi Zammit! X'kien irodd, ma rridux ingħiduh aħna; titkellem il-kitba tiegħu bil-Malti mxerrda f'ġurnali u rivisti maltin u, issa, miġbura f'din il-*Gabra*li minnha ħarġu s'issa, dawn iż-żewġ kotba.

L-ewwel wieħed kien stampat sena ilu, meta Sir Temi kien għadu ħaj u din is-sena reġa' ġie stampat għat-tieni darba; fih erba' artikoli fuq *x'kien jaf fuq xi ħwejjeġ* (il-Belt Valletta—il-Għerien ta' Ħal Saflieni—il-Katakombi u l-Fuħħar) u erba' *ħrejjef u ċajt* minn tiegħu. Fit-tieni wieħed inġiebu biss tmienja mill-*ħrejjef u ċajt* tiegħu fosthom xi tnejn mill-iżjed magħrufa bħall-"Kelb rieqed la tqajmux", "Ċensa u ċ-Ċine" u "Pina"—il-qaddejja, ħuttaba, nofs qabla....

F'dan it-tieni ktieb hemm biss *ħrejjef u ċajt* u ma hemm l-ebda artikolu minn dawk li Sir Temi kien sejħilhom *"X'naf fuq xi ħwejjeġ"*. Min ġabar dan it-tieni ktieb, kien missu għażel xi ħaġa ħelwa u tat-tagħlim li kiteb Sir Temi u hekk il-ktieb kien ikun imħawwar bħal l-ewwel wieħed li kien ħareġ taħt għajnejn Sir Temi. Nittamaw li t-tielet ikun imżewwaq bi ftit minn kollox bħal l-ewwel wieħed.

Ma hemmx bżonn inħajru lill-qarrejja tagħna li jfittxu jiksbuhom dawn il-kotba għax aħna żguri li l-aħbar li ġibna tal-ħarġa tagħhom hi biżżejjed biex iġagħalhom jagħmlu dan.

* * *

Ma rridux ninsew insemmu li f'dawn it-tliet xhur beda joħroġ id-*Dizzjunarju* li kien ħabbar il-Gvern li għandu joħroġ magħmul minn Kummissjoni magħżula għalhekk. Ġa ħarġu żewġ faxxikoli. Ix-xogħol ta' min irid igħaqqad dizzjunarju huwa kbir kif taqraw fl-ewwel artikolu ta' din il-ħarġa tagħna u għalhekk irridu nħarsu lejn dawn l-ewwel żewġ faxxikoli b'għajn mhix tant irqiqa, għad li, sa fejn nafu aħna, jekk nagħmlu hekk ma tantx insibu wisq xi ngħidu fuqhom. Il-ġurnali kważi kollha faħħruhom għad li xi kittieba riedu jgħidu tagħhom bla ma forsi kienu jinqalgħu biżżejjed għalhekk.

Mill-bqija xejn ma għandna xi ngħidu ħlief li dawn il-faxxikoli tista' tgħid huma "b'xejn" għax sold kull faxxikolu ta' sittax-il-faċċata kbar ma tistax tgħidlu "ħlas". Nittamaw għalhekk li kulħadd jixri kull faxxikolu malli joħroġ u li dawn il-faxxikoli jibqgħu joħorġu regolarment kif kienu mwiegħda.

Xogħol hekk kbir, sabiħ u ta' fejda ma għandux ma jkunx f'idejn kulħadd.

F. S. C.